**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 1– Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Joseph Debono | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mill-aktar kunsillier anzjan, dak li ilu l-aktar iservi fil-Kunsill, il-kunsillier Stephen Mercieca. Huwa rringrazzja lill-kulħadd u talab sabiex il-kunsilliera kif dejjem għamilna għandhom dejjem jaħdmu f'team u jiġbdu ħabel wieħed dak li lil Għajnsielem iġibuh aħjar.

**1.2 Ħatra ta' Sindku u 1.3 Ħatra tal-Viċi Sindku**

1.2.1 Is-Segretarja spjegat kif skond Artiklu 25 tal-Att tal-Kunsiklli Lokali, l-aktar persuna li ġġib voti fil-partit li jġib il-maġġoranza huwa ntitolat li jkun is-Sindku u min jiġi warajh ikun il-Viċi Sindku. F'dan il-każ, is-Sur Kevin Cauchi huwa s-Sindku u s-Sur Joseph Debono hu l-Viċi Sindku. Hija talbithom jaċċettawx din il-kariga. Huma lkoll aċċettaw din il-kariga u ffirmaw l-ittra ta' aċċettazzjoni. Ġew mitluba jieħdu l-ġuramament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku li ser issir nhar l-Ġimgħa 5 ta' Lulju fis-6:00pm fid-Ditch tac-Cittadella, Victoria fejn ser issir ċelebrazzjoni komuni għas-Sindki u Viċi Sindki Għawdxin.

## 1.4 Diskors tas-Sindku

1.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ġie mlibbes l-insinja ta' Sindku u l-kunsilliera lkoll ferħlu għar-riżultat tant mistħoqq li huwa ġab f'din l-elezzjoni. Huwa rringrazzja u ferħ lil kulħadd għal fatt li n-nies apprezzaw dak li wettaq il-Kunsill u l-għaqda li kienet tirrenja, tant li eleġġew l-istess nies. Huwa ta' unur li għal darb'oħra se nkun qed nservi bħala s-Sindku tagħkom u tal-lokalita t'Għajnsielem u r-riżultat tajjeb li ksibt ikompli jimlieni b'umilta' u responsabilita'.

1.4.2Huwa ferħ lil- Viċi Sindku ġdid, Joe Debono ġdid li ġie elett minflokk il-Viċi Sindku ta' qabel li għażel li ma jerġax jikkontesta. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera biex ninsew ir-riżultat tal-elezzjoni u l-kuluri li nħaddnu u mill-ġdid nerġgħu naħdmu bla hena bħala familja waħda għal Ghajnsielem isbaħ u aħjar. Is-Sindku spjega kif ser ikollna leġiżlatura mimlija sfidi u proġetti kbar li jistgħu jitwettqu biex jekk fi ħdan il-Kunsill issaltan l-għaqda u l-armonija.

1.4.3 Is-Sindku saħaq fuq l-importanza li nirrispettaw lil xulxin anke fejn jkun hemm opinjonijiet differenti. Żgur li se jkun hemm mumenti diffiċli iżda jkollna oħrajn sbieħ u ta' sodisfazzjon wkoll. Għadna proġetti kbar quddiemna fosthom il-Pjazza Madonna ta' Loreto u playingfield Amabile Cauchi. Is-Sindku saħaq li għandu bżonn l-għajnuna u l-appoġġ tal-Kunsilliersa iżda u aċċenna li l-Kunsilliera se jsibuħ ta' għajnuna u rispett reċiproku lura f'dak kollu li hemm bżonn.

## 1.5 Preżentazzjoni mis-Sindku tar-Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri

Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li għamel ma' kull kunsillier individwalment fejn ġew assenjati lilu l-aktar oqsma li jħossu komdu fihom. Dawn id-dekasteri ser jiġu kkonfermati fil-laqgħa li jmiss.

## 1.6 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

1.6.1Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2024 fis-2:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**